*Tħallinix aktar nistenna,*
*Tħallinix iżjed li nara*
*Dix-xmara*
*Ta' dmugħ għaddejja:*
*Ejja, ejja,*
*Fuq is-sodda tal-mewt tiegħi;*
*Ejja fis agħlaq għajnejja:*
*Lilek, ja xbejba,*
*L-aħħar sejħa,*
*L-aħħar kelma ta' xoftejja.*

U kien nhar ta' Erbgħa, ġurnata għażiża għall-Madonna tal-Karmnu, li l-*Poeta tal-Madonna* ħalla d-dinja biex jittajjar lejn is-saltna fejn il-poeta jsib il-mistrieħ.

## IL-ĦAJJA (II)

*Il-ħajja moxa u mergħa*
*fejn jitħarrġu għall-ġiri dwieb u żwiemel,*
*jirgħaw biex jismnu baqar u għoġiela,*
*jagħtu biż-żewġ, jinħqu u joqomsu l-ħmir.*

*Il-ħajja ġnien bil-fjuri*
*fejn iżanżan in-naħal li jħobb l-għasel,*
*iliegħeb il-bebbux maz-zkuk u l-ġebel,*
*iħuf id-dud u friefet ħfief ittir.*

*Il-ħajja nħasa kbira*
*tagħli, tbaqbaq u tfawwar b'min iħobb,*
*b'min jobgħod, b'min isewwi u b'min iħarbat,*
*b'min ibierek, b'min jisħet dak li jsir.*

*Il-ħajja pont li jgħaqqad*
*in-nieqa mat-tebut, mal-bidu t-tmiem,*
*mat-tmiem il-bidu ta' ħajja oħra ġdida*
*li ż-Żmien ma jkiddha u lanqas it-Taħsir.*

11.iv.62 K. VASSALLO